



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Marzu 2023 – Eulex Kosovo vs SC

(Kawża C-785/22 P-R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Artikolu 278 TFUE – Appell – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea mogħtija fil-kontumacċja – Urġenza – Dannu pekunjarju”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Proċedura – Ġurisdizzjoni tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiddeċiedi dwar talba għal miżuri provviżorji – Portata – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali li kienet is-suġġett ta' appell – Artikolazzjoni mas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' sentenza fil-kontumacċja mogħtija mill-Qorti Ġenerali – Għanijiet differenti*

(Artikolu 278 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 39; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 161(1); Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 123(4); Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja 2012/671, Artikolu 1)

(ara l-punti 18 sa 24)

2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-għoti – Fumus boni juris – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli – Natura kumulattiva – Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni – Ordni ta' eżami u metodu ta' verifika – Setgħa ta' evalwazzjoni tal-Imħallef għal miżuri provviżorji*

(Artikoli 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 160(3)(c))

(ara l-punti 30 sa 32)

3. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-għoti – Dannu gravi u irreparabbli – Oneru tal-prova*

(Artikoli 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 160(3))

(ara l-punt 34)

4. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-għoti – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli –*

*Dannu finanzjarju – Dannu li jista' jiġi kkompensat sussegwentement permezz ta' kumpens pekunjarju – Preġudizzju li ma jistax jitqies li huwa irreparabbli – Assenza ta' urġenza*

*(Artikoli 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 160(3))*

*(ara l-punti 35 sa 39)*

## **Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.